**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviż numru 234/2016 CFF**

**Eretric Limited (C 14572)**

**vs**

**Unpaused Co. Ltd (C 32437)**
**Billboard Advertising Limited ( C 27899)**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promutur ta' Eretric Limited (C 14572) fejn esponiet:

U tgħid għaliex ma' għandhomx tkunu kkundannati tħallas, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u għar-raġunijiet li ser jiġu dettaljatament ittrattati tul il-mori ta' dawn il-proċeduri tħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef, erba' mija tmienja u sebgħin ewro u għaxar ċenteżmi (4478.10 ewro), jew somma oħra verjuri, rappreżentanti danni u spejjez kaġunati minn ħsarat fil-ħġieġ tax-showroom tas-soċjetà attriċi f'Erectric, Triq il-Mithna ta' Caraffa, Hal Luqa, Malta, liema ħsarat ġew kaġunati unikament b'riżultat tar-reklam li twahhal minnkom jew min minnkom, jew fuq inkarigu tagħkom u minħabba t-traskuraġni, imperizja, negliġenza, nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti u/jew nuqqas ta' diligenza minn naha tal-istess, kif ukoll sabiex thallsu lis-soċjetà

attriċi d-danni u spejjez konsegwenzjali sofferti mis-soċjetà attriċi, inkluz ghat-telf ta' qliegh u ghax-xogholijiet remedjali kollha li s-soċjetà attriċi kellha tagħmel u għad trid tagħmel sabiex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet tagħkom, hekk kif jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, b'dan li ai fini ta' kompetenza qed jiġi dikjarat illi l-ammont globali mitlub ma jeccedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata fis-26 ta' Lulju 2016 (ref 1892/2016) u tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi preżentat kontestwalment kontra l-intimati u bl-imgħaxijiet bl-għola rata applikabbli skont il-liġi dekoribbli fuq is-somma eventwalment likwidata mid-data tan-notifika tal-appena ndikata ittra uffiċjali cioè mid-29 ta' Lulju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Intom ukoll sa minn issa ngunti sabiex tidhru in subizzjoni

Il-Qorti tinnota li daħlet risposta tas-soċjetà konvenuta Unpaused Co Ltd (C 32437) datata 14 t'Ottubru 2016 li tinsab a fol 6 tal-proċess, fejn esponew:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt
2. Illi l-esponenti ma għamlet ebda azzjoni, att jew omissjoni li minħabba fiha seta' ġraw id-danni lanjati fl-avviż;
3. Illi d-ditta esponenti ma għandha tagħti xejn lid-ditta attriċi;
4. Illi d-ditta esponenti ikkommisjonat lid-ditta Billboard Advertising Limited biex twahhal u taqla r-reklam imsemmi fl-avviż fil-hin u ma tahti għal ebda danni li allegatament inkorriet id-ditta attriċi;
5. Illi jrid jiġi pruvat li b'xi mod id-danni allegati mid-ditta attriċi kienu maghmula minn xi tort tad-ditta esponenti;
6. Illi ukoll id-ditta esponenti qed tikkontesta l-quantum tad-danni allegati mill-atturi.
7. Illi kienet Billboard Advertising Ltd li wahlet u kienet obbligata taqla r-reklam imsemmi fl-avviz u b'hekk id-ditta esponenti bl-ebda mod ma tista tahti ghad-danni allegati mill-atturi.
8. Salv eċċezzjonijiet oħra li jistghu jirrizultaw

Rat ukoll ir-risposta tas-socjeta konvenuta Billboard Advertising Limited (C 27899) li dahlet fil-31 t'Ottubru 2016 li tinsab fil-process a fol 8 fejn esponew

1. Illi in linea preliminari, is-soċjetà esponenti mhijiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna stante illi ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, izda wetqet ix-xogholijiet mertu ta' din it-talba precizament skont l-istruzzjonijiet u l-ispecifikazzjonijiet moghtija mis-socjeta konvenuta Unpaused Company Limited;

2. Illi bla pregudizzju il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt

3. Illi primarjament fil-mertu, is-socjeta attrici ghandha tressaq prova sufficjenti tal-hsarat allegatment sofferti minnha u tad-danni illi hija qieghda tippretendi, kif ukoll prova sufficjenti illi tali hsarat u/jew danni huma konsegwenzi ta' xi nuqqas tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom;

4. Illi bla pregudizzju x-xogholijiet imwettqa mill-esponenti saru skont is-sengha u l-arti u f'ebda cirkostanza ma kien hemm traskuragni, imperizja, negligenza, nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jew nuqqas ta' diligenza minn naha tas-socjeta esponenti fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet. Konsegwentament l-esponenti ma tista qatt tinzamm responsabbli ghal ebda danni u/jew hsarat u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Illi mingħajr preġudizzju, x-xogħolijiet li saru mis-soċjetà esponenti ma setgħu bl-ebda mod iwasslu għall-ħsarat li qegħda tallega s-soċjetà attriċi;

6. Illi f'kull każ, l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huma eċċessiva u għalhekk qeghdin jigu kontestati mis-soċjetà esponenti

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi.

Bl-ispejjeż

Rat ix-xhieda ta' Henry Farrugia, Charmaine Fsadni, Aaron Fsadni li xehedu permezz ta' affidavit, Charlton Borg, Brian Cremona, Andre' Borg, John Manche,

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti u cioè dok TB1, dok A sa dok F, dok TB2, dok MF1

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkunsidrat:**

**Henry Farrugia** qal li huwa direttur fi ħdan is-soċjetà Eretric Ltd li tinstab ġewwa binja f'Hal Luqa. Brian Cremona kien avvicinah sabiex jaslu fi ftehim dwar twahhil ta' reklami mal-ħġieġ li għandu mal-binja tiegħu minħabba li kienet f'post prominenti ħafna. Fil-bidu li kienu twahhlu dawn ir-reklami kienu jitpoġġew wara l-ħġieġ billi jiddendlu reklami tal-kanvas. Gara li riedu jwahhlu reklam ieħor din id-darba ta' arloġġ li twahhal mal-ħġieġ direttament. Meta tpoġġa huwa ma kienx hemm u qatt ma kellu problemi magħhom. Dan ir-reklam kien bi sfond iswed u kien kbir u darba kien tela sabiex jara xi affarijiet u nnota li kien hemm xquq fil-ħġieġ. Meta kellem lil Brian Cremona dwar dan kien qallu biex jagħmel kuntatt mal-kumpanija li weħlet ir-reklam u cioè ma' Billboard Advertising Ltd. Kien ġie fuq il-post Andre Borg u kien qallu li kien sejjer ikellem lil tal-insurance però minn naħa ta' Brian Cremona beda jitfa t-tort fuq il-kumpanija l-oħra li wehlet ir-reklam fuq il-ħġieġ. Huwa kien ġab lil JS Dimech kumpanija li taħdem fuq il-ħġieġ u kienu kkonfermaw li l-ħġieġ kien inqasam minħabba li r-reklam kien twaħħal dirett fuq il-ħġieġ u għax kien iswed kien assorba ħafna sħana. L-ispiża sabiex tinbidel il-pannelli tal-ħġieġ kienet ta' madwar 4,500 ewro. Huwa kkonferma li l-ħġieġ l-ohra li ma kellhomx ir-reklam magħhom ma kien ġralhom xejn. Ir-reklam kien tnehha wara xi żmien iżda l-ħġieġ kien għadu f'dak l-istat u minħabba f'hekk ma kienux saru aktar reklami mas-showroom tagħhom.

**Charmaine Fsadni** taħdem mas-soċjetà attriċi qalet li Brian Cremona kien kellimhom dwar il-possibilità li jagħmlu reklami mas-showroom tagħhom. Kien sar ftehim fis-sena 2013 u kien hemm qbil dwar il-ħlas. Fil-bidu kienu jitwahhlu reklami fuq vinyl fuq ġewwa tal-ħġieġ. Fis-sena 2015 kien twahhal reklam kbir mal-ħġieġ għal erba' xhur bejn Novembru 2015 sa Frar 2016. Kien ġie miftiehem li l-ħlas kien se jkun ta' elf ewro fix-xahar eskluż il-VAT. Lejn l-ahhar ta' Frar indunaw li kien hemm il-ħġieġ fejn kien hemm mir-reklam imkisser. Meta kelmu lil Brian Cremona kien qalilhom biex ikelmu lis-soċjetà li weħlet ir-reklam. Kien ġie Andre Borg fejn kien qalilhom li kien sejjer ikellem lil tal-insurance Iżda baqgħu bla risposta. Kien ġie wkoll Charlton Borg tas-soċjetà JS Dimech Ltd fejn kien ra l-ħġieġ u kien qal li dak li kien gara kien minhabba t-twahhil tal-isticker u kien inqasam bis-sħana minħabba li kien iswed. Meta kien skada z-żmien tar-reklam, kienu kelmu lil Brian Cremona fejn baqa' jinsiti li ma kienux sejrin iħallsu l-ebda spejjez u dan minħabba l-fatt li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn għax kienet is-soċjetà l-oħra li weħlet ir-reklam u mhux huma.

**Aaron Fsadni** li jaħdem mas-soċjetà attriċi ikkonferma li kien twahhal reklam mal-ħġieġa tas-showroom fejn jaħdem iżda din id-darba ma kienx tal-għamla vinyl. Kien għal ħabta ta' Frar fejn kien induna li kien ra li kien hemm ħġieġ imkisser fejn infurma lil Eric Farrugia b'dak li kien ra.

**Charlton Borg** qal li huwa impjegat bħala manager mas-soċjetà li taħdem fuq il-ħġieġ u cioè ma JS Dimech Ltd. Huwa kien mar jispezzjona l-ħġieġ minħabba li kienu kelmuh s-soċjetà attriċi fuq dak li kienu sabu. Huwa kien ra li kien hemm reklam iswed imwahhal fejn ikkonkluda li sforz tas-sħana kien inqasam il-ħġieġ. Huwa ikkonferma li kien harge quotation sabiex jinbidel il-ħġieġ. Kienet l-istess soċjetà JS Dimech li kienet wehlet dan il-ħġieġ fejn kompla jgħid li dan il-ħġieġ ma kienx jiflaħ għas-sħana minħabba li kien ħġieġ normali. Huwa żied jgħid li qatt ma kienu taw xi dettalji fuq il-ħġieġ li użaw sakemm ma jiġix mitlub lilhom u kkonferma li l-ħġieġ kien biex tara u mhux li jitwahhlu stickers.

**Brian Cremona** ikkonferma li huwa kien jahdem mas-soċjetà Unapaused Company Ltd bħala marketing manager sas-sena 2016. Huwa kkonferma li kien hemm relazzjoni kummercjali bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà li huwa kien jaħdem magħha. Kien hemm ftehim sabiex jsiru reklami mal-ħġieġ tal-showroom tas-socjeta attrici. Il-ftehim kien li jsir reklam mal-ħġieġa ta' ġewwa u bdew ihalsuhom ta' dan minħabba l-fatt li s-showroom fejn kienet f'post tajjeb. Kienu għamlu frame fuq in-naħa ta' ġewwa u miegħu kienu jitwahhlu r-reklami. Dan ix-xogħol kien isir mis-sub-contractors tagħhom u cioè f'dan il-każ minn Billboard Advertising. Illi huwa kompla jgħid li kien hu li jagħti l-istruzzjonijiet lil kumpanija fejn għandha twahhal għax kien gwidahom hu. Illi f'dan il-każ, kien hemm sitwazzjoni minħabba x-xemx ir-reklam ma kienx ikun jista' jidher sew u kien hemm ftehim ma' Erectic Ltd li din id-darba r-reklam jitwahhal minn barra bhala sticker. Illi wara xi żmien kien kellimhom Eric u qalilhom li fejn kien hemm l-isticker kien hemm il-ħġieġ maqsuma fejn hu kien mar u ra. Huma kien qabdu lil Billboard Advertising biex jagħmlu x-xogħol u da parti tagħhom ma kienux għamlu verifici. Huwa kkonferma in kontro-eżami li s-soċjetà konvenuta Unpaused kienet l-ewwel darba li għamlet bħal dan it-tip ta' reklam. Minn naħa tiegħu qatt ma kien ikkonferma x'tip ta' ħġieġ kien iżda kien imur jara kif jidher ir-reklam minn barra. Erectric Ltd kienet tibgħat il-kont lis-soċjetà Unpaused u tħallashom.

**Andre Borg** qal li huwa managing director fi hdan Billboard Advertising Ltd. Żied jgħid li x-xogħol tas-soċjetà li jaħdem magħha jgħamlu kull tip ta' xogħol relatat ma' reklamar u printjar ta' dak li jigi mqabbad lilhom. Fuq dan il-każ fil-bidu kienu għamlu banners fuq struzzjonijiet tas-soċjetà Unpaused. Gara li kienu infurmati li kien hemm frame minn ġewwa u jistirawh minn ġewwa. Xi xhur wara ġie infurmat li jridu jagħmlu sticker minn barra biex jibdlu li kien hemm. Xi tlett xhur wara li twahlet l-isticker marru biex jaqilghuq u minn naha tas-socejta attrici qalulhom biex ma jnehhu xejn ghax kien hemm il-ħġieġ imkisser fejn kien hemm imwahhal l-isticker li kienu double glazed. L-ghazla tar-reklam isir mill-klijent u jitwahhal minnhom. Ir-reklam kien wiehed iswed u kien hemm arlogg fuqhu fejn dam tlett xhur imwahhal. Huwa kien mar sabiex jara x'kien gara u wara xi xahrejn kienu qalulu biex inehhieh.

Minn naha tas-socjeta attrici qatt ma kienet infurmatu li kien hemm xi limitazzjonijiet fuq il-ħġieġ. L-istruzzjonijiet kienu inghataw minn naha ta' Unpaused Co. Ltd ta' liema tip ta' reklam irid ikun u skont kif iriduh jidher jekk hux gloss jew matt.

**John Manche** qal li huwa sid is-socjeta Unpaused Company Limited u impjegat tiegħu Brian Cremona kien kellmu dwar is-showroom ta' Eretric Ltd sabiex ikunu jistghu jaghmlu reklam. Kien Brian li negozja kollox u anki ftehmu dwar il-ħlas li kellu jsir u kienu jinħargu l-invoices u jhalsu kull xahar. Huma kienu jużaw lil Billboard Advertising biex jitwahhal ir-reklam u fl-ahhar tal-kuntratt ġie infurmat li ma jistgħux jaqilgħu r-reklam minħabba li kien hemm il-ħġieġ imkisser. Kompla jgħid li fil-bidu tal-ftehim had mill-istess socjeta Eretric Ltd ma kien qalilhom xi haġa fuq il-ħġieġ jew inkella li ma tistax twahhal xi tip ta' materjal mal-ħġieġ. Illi kienet l-istess socejta attrici li kienet qeghda tagħmel reklam sabiex il-ħġieġ tagħhom jintuża għal dan l-iskop ta' reklamar.

**Henry Farrugia** fejn ikkonferma li kienu saru diversi reklami mal-ħġieġ Iżda din kienet l-ewwel darba li tpoġġa dirett mal-ħġieġ. Is-soċjetà Unpaused kienet qegħda tħallsu talli qeghdin jagħmlu r-reklam u ma kienx daħal fil-kwistjoni ta' kif se jitwahhal u x'tip ta' reklam kien se jkun. Huwa ma kienx staqsa lil kumpanija tal-ħġieġ jekk fil-fatt il-ħġieġ tas-showroom tiegħu kienx jiflaħ jew le. Huwa kkonferma li r-reklam kien dam imwahhal skont il-ftehim u meta ġew biex jaqilgħu r-reklam li nduna li kien hemm il-ħġieġ imkisser. Illi fuq mistoqsija tal-fatt li dan ir-reklam kien twahhal fix-xitwa u cioè bejn Ottubru 2015 sa Frar 2016 żied jgħid li kienu għamlu sajf shih bih imwahhal. Huwa kkonferma li kienu indunaw meta ġie biex jinqala r-reklam. Illi skont hu l-insurance kienet qaltlu li ma kienx kopert.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti ta' dan il-każ huma li s-soċjetà Unpaused Company Limited għamlet ftehim mas-soċjetà attriċi Eretric Ltd sabiex jitwahhal reklam mal-ħġieġ tas-showroom tagħha. Illi wara li kienu ftehmu dwar dan, is-soċjetà konvenuta Unpaused Company Limited kienet qabdet kumpanija oħra u cioè lill-Billboard Adversting Limited sabiex iwahhlu dan ir-reklam li kien se jkun sticker imwahhal dirett fuq il-ħġieġ. Gara li meta kien wasal iż-żmien sabiex jinqala dan ir-reklam, ġew imwaqqfa milli jagħmlu dan minħabba li kien il-ħġieġ imkisser. Meta l-istess soċjetà attriċi ġabet stima tax-xogħol sabiex tinbidel il-ħġieġa, ħareġ li dan kien sehh minħabba li r-reklam kif kien magħmul u mwahhal ikkaġuna ħsara fuq il-ħġieġ. Illi għalkemm kien hemm diversi drabi oħra fejn kien twahhlu reklami iżda qatt ma kienu dirett fuq il-ħġieġ iżda fuq frame fuq in-naħa ta' ġewwa. Illi dan ir-reklam kien ġie mwahhal għal diversi xhur sakemm kellu jiskadi l-kuntratt u cioè sa Frar 2016.

**Provi**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi fuq il-mertu tal-każ, sejra tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi l-Qorti timxi mal-prinċipju li fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

> *"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."*

Illi in oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

> ***"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."***

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 t'April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Fil-kamp ċivili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mgħotija lilhu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili ghal dak li gara. Illi għalhekk dan il-prinċipju tal-bilanċ tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bażi tal-azzjoni azzjoni ċivili. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli.

Illi f'dan il-każ Henry Farrugia għan-nom tas-soċjetà attriċi qal li huwa kien avvicinat mis-soċjetà konvenuta Unpaused Company Limited u kien jithallas minn għandha talli kien tahom spazju biex jitwahhal reklam mal-ħġieġ. Illi minħabba l-fatt li rriżulta li din il-ħġieġa kellha xi qsim magħha, bejn il-partijiet ma kienx hemm qbil li dan sehh minħabba xi difett ta' kif kien magħmul ir-reklam. Illi l-unika persuna li tressaq li mhux parti fil-kawza kien Charlton Borg li jaħdem mas-soċjetà JS Dimech Ltd li kienet hi li weħlet il-ħġieġ. Illi f'dan il-każ il-partijiet ma talbux sabiex jinħatar espert u jeżamina x'seta' wassal għal każ in kwistjoni. Illi skont ma qal dan Charlton Borg il-kaġun ta' dan il-qsiem fil-ħġieġ minħabba li kien hemm temperatura għolja magħhom kaġun tal-fatt li twahhal reklam iswed magħha u għalhekk assorba aktar sħana fejn wassal li inqasam il-ħġieġ. Għalkemm ma kienx hemm prova oħra li ħġieġ ieħor li ma kellux reklam imwahhal miegħu, ma rrizultax li kien hemm ksur tagħhom u dan għal fatt li ebda mill-partijiet ma kontradixxa din il-haġa. Illi għalhekk l-unika fattur f'dan il-każ kien l-istess reklam li kien imwahhal mal-ħġieġa. Illi mill-istess xhieda kemm minn naħa u l-oħra ħadd minnhom ma kontradixxa dan il-fatt li r-reklam ma wassalx għal ksur tal-ħġieġ. Dan qiegħed jingħad li anki kif saru l-kontro-eżamijiet saret fuq il-kwistjoni ta' responsabiltà min wahhlu jew inkella li ma kienx hemm informazzjoni tajba jekk fil-fatt dan il-ħġieġ kienx jiflaħ għal dan il-fatt ta' twahhil ta' sticker. Illi għalhekk din il-Qorti tara mill-provi prodotti huwa ċar li dak li wassal għal ksur tal-ħġieġ kienet l-istess sħana li ġiet assorbita minħabba l-kulur li kellu dan ir-reklam.

**Responsabilità**

Is-soċjetà konvenuta Billboard Advertising Limited fl-ewwel eċċezzjoni tagħha qajmet il-kwistjoni li hija mhux il-legittimu kuntradittur. Il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001 fejn intqal hekk:

> *"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor jew lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Illi mill-assjem tal-provi ma hemm xejn li jindika li s-soċjetà Billboard Advertising Ltd daħlet f'xi negozju mal-istess soċjetà attriċi. Illi f'dan il-każ, is-soċjetà konvenuta l-oħra Unpaused Company Limited kienet biss tat xogħol ta' dan ir-reklam biex jitwahhal. Illi mid-dokumenti esebieti ma kien hemm ebda indikazzjoni li s-soċjetà Billboard Advertising Limited kienet dahlet xi ftehim dirett mas-soċjetà attriċi. Illi fil-fatt kienet l-istess soċjetà' attriċi li kienet tibgħat l-invoices lil Unpaused Co. Ltd sabiex titħallas u fil-fatt hekk kien sar. Illi fil-fatt hareg b'mod car, li s-soċjetà Billboard Advertising Limited kienet biss sub-contractor tas-soċjetà Unpaused Co. Ltd. Illi fil-fatt hija kienet tagħmel dak mitlub mill-istess soċjetà Unpaused Co. Ltd u cioè fuq direzzjoni tagħha u xejn aktar. Il-klijent u cioè f'dan il-każ is-soċjetà attriċi kienet tas-soċjetà konvenuta l-oħra Unpaused Co Ltd li għamlet l-arranġamenti kollha. Illi wkoll ma nġab ebda ftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet konvenuti dwar dan ix-xogħol sabiex almenu jiġi muri lil din il-Qorti fejn twassal ir-responsabiltà. Illi ladarbda ma hemm xejn li jindika li kien hemm xi relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta Billboard Advertising Ltd, il-Qorti mill-provi li għandha ma tarax li teżisti r-relazzjoni ġuridika. Huma minnhu li kienet din tal-ahhar li wehlet ir-reklam iżda di agixxiet fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta ta' kif għandu jkun u ta liema tip bħala kulur. Illi għalhekk għalhekk l-ewwel eċċezzjonijiet titqies li hija fondata.

Issa wara li ġie meqjus dan il-punt, il-Qorti sejra tgħaddi fuq il-kwistjoni tar-responsabiltà li wassal għal ksur tal-ħġieġ. Illi kif ingħad hawn fuq dan ir-reklam twahhal wara li kien sar ftehim bejn is-soċjetà attriċi u dik Unpaused

Co. Ltd. Illi għal dan ir-reklam tħallsu diversi flejjes għal użu ta' dan l-ispazju. Illi l-punt kruċjali f'dan il-każ huwa jekk il-ħġieġ kienux ta' natura li jifilħu għas-sħana u b'hekk wassal biex dawn jinkissru. Illi ingħad li dan ir-reklam ma kienx twahhal fis-Sajf iżda fil-perijodu invernali u għalhekk ma setax kien hemm dik is-sħana li tista' twassal għal dak li ġralhom. Illi wieħed mid-dokumenti esebieti u cioè dak li jinsab a fol 27 tal-proċess juri li l-ħlasijiet bdew minn Mejju 2015 u baqgħu sejrin sa Mejju 2016. Illi għalkemm ma hemmx qbil meta twahhal dan ir-reklam u dan kif ħareġ mill-kontro-eżami tal-istess Henry Farrugia, però minn dak li qalet Charmaine Fsadni li dan ir-reklam kien twahhal f'Novembru 2015 u u kien sa Frar 2016. Illi għalhekk id-dokument imsemmi a fol 27 ma jagħtix stampa ċara li fil-fatt dawn il-ħlasijiet kienu għal dan ir-reklam partikolari u għalhekk wieħed seta' jindika li kien fi żmien meta t-temperatura tkun waħda għolja aktar minn normal speċjalment fuq elementi bħal ħġieġ.

Illi f'dan il-każ ma kienx hemm talba għal ħatra ta' espert u l-unika persuna li semma fattur li seta' wassal għal ksur tal-ħġieġ kien rappreżentant tal-kumpanija JS Dimech. Dan il-fattur kien minħabba li ġie imwahhal sticker sewda li kaġun ta' hekk assorba ħafna sħana u qasmet il-ħġieġa. Il-Qorti ma għandha xejn sabiex jiġi kontradett dan il-fatt u għalhekk tara li hemm bilanċ ta' probabbilita li dak li ntqal wassal għal ksur tal-ħġieġa.

Illi hemm fattur ieħor li jikkonċerna din il-kwistjoni u cioè jekk il-prodott kienx jiflaħ għal awment tat-temperatura. Illi minn dak li qal l-istess rappreżentant tas-soċjetà JS Dimech, il-ħġieġ kien magħmul biex tara minnhu u mhux li jitwaħħlu affarijiet miegħu. Illi ġie kkonfermat li f'dan il-każ is-soċjetà attriċi ma staqsiet xejn jekk fil-fatt jistax jitwaħħal miegħu xi haġa. Illi lanqas jista' jingħad li dan twaħħal u huma ma kienux jafu għax ma kienux preżenti. Huwa fatt li dan twaħħal bil-kunsens tagħhom, tħallsu tiegħu u kien biss meta ġie biex jinqala li ndunaw u mhux waqt il-perijodu li kien għaddej ir-reklamar li din il-Qorti tara li hija pjuttost improbabbli li ma kienux jafu minn qabel. Dan jindika biss li ħallew il-pagamenti jibqgħu deħlin u jagħmlu biss referenza għal ksur tal-ħġieġ wara li kien spiċċa l-kuntratt. Illi kif ingħad u ġie konfermat ħadd mill-partijiet ma talab dwar jekk fil-fatt dan il-ħġieġ kienx jiflaħ jew le. Illi kemm is-soċjetà attriċi u dik is-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd ma ħadux l-izbriga li qabel isir it-twaħħil tar-reklam jaraw jekk fil-fatt il-ħġieġ kienx wieħed li jiflaħ. Illi mill-fatti tal-każ ħadd ma ġietu f'rashu bil-konsegwenza li kien hemm ksur ta' ħġieġa. Illi kif ingħad is-soċjetà konvenuta l-oħra, il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tagħha li hija ma hiex il-leġittimu kontradittur u dan għaliex hija mxiet fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta l-oħra u qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Illi għalhekk ir-responsabiltà hija tat-tnejn u cioè dik tas-soċjetà attriċi li ma ratx minn qabel li jitwahhal dak ir-reklam jekk fil-fatt

kienx jiflaħ u minn naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta Unpaused Company Ltd li wara snin ta' esperjenza f'dan ix-xogħol ma ratx minn naħa tagħha dak li ġie mitlub li tagħmel bħala reklam.

Illi kif ġie spjegat hawn fuq f'sitwazzjoni bħal din jiġi adoperat il-principju tal-*arbitrio boni viri*, imnissel mill-konsiderazzjoni ta' ġustizzja ekwitativa minħabba fil-kwalità ta' provi imressqa in sostenn tal-pretensjoni meta jkun jidher li xi xorta ta raġun ikun tassew jeżisti. Għalhekk f'dan il-każ, il-qorti ser taddotta *invece* r-regola tal-*arbitrio boni viri* fejn l-ammont jiġi stabbilit *ex æquo et bono* mill-gudikant. Illi kienu z-żewġ partijiet kemm is-soċjetà attriċi u dik is-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd li ma ħadux dawk il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jassiguraw li l-ħġieġ kien jiflaħ u għalhekk għandhom ikun indaqs fejn tidhol ir-responsabiltà.

Illi s-soċjetà attriċi issolevat ukoll li hija talbet sabiex titħallas id-danni u spejjez konsegwenzjali sofferti inkluż għat-telf ta' qliegħ u għax-xogħolijiet remedjali kollha li s-soċjetà attriċi kellha tagħmel u għad trid tagħmel sabiex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet. Illi s-soċjetà attriċi f'dan il-każ kull ma resqet bħala prova kienet li trid tiġi mibdula l-ħġieġa. Illi ma nġiebet ebda prova ta' telf ta' qliegħ u x'kienu dawn ix-xogħolijiet remedjali li għandhom isiru. Illi għalhekk din il-parti tat-talba tas-soċjetà attriċi qegħda tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda tillibera lis-soċjetà' Billboard Advertising Ltd mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati.

Filwaqt tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd fil-kawża għajr għal dak tal-kwantu, u tilqa' t-talba tal-attriċi in parti u tikkundanna għalhekk lis-soċjetà Unpaused Co Ltd tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn mitejn u disa' u tletin ewro u ħames ċenteżmi (€2239.05 ewro).

Tordna lis-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd tħallas l-ispejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri u tal-ittra ufficjali prezentata fis-26 ta' Lulju 2016 (ref 1892/2016) u tal-mandat ta' sekwestru bl-imgħax legali li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-avviż sad-data tal-pagament effettiv.

Dr Caroline Farrugia Frendo
Maġistrat

Maria Grech Cardona
Deputat Reġistratur